MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1180/2005

**Elmo Insurance Limited f'isimha stess u bhala surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Ivan Joseph Sciberras u l-istess Ivan Joseph Sciberras**

**Vs**

**Daniel Paul Grima**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta' Lm609.39 (sitt mija u disa` Liri Maltin u disgha u tletin centezmu) dovuti bhala bilanc ta' hlas ta' danni kkagunati.

Bl-ispejjes u interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fl-10 ta' Gunju 2005 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gewipprezentati fid-29 ta' Settembru 2005 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------